A.L. 60 ta' l-1998

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1998 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1998 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-26 ta' Jannar, 1998. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(1) *Flat* numru 6, Blokk C5, Triq Fonsu Marija Galea, Ta' Paris, Birkirkara (Tenement No. 67001 - H.A. 576/96).

(2) Dar bin-numru 8, Triq il-Labour, Marsaxlokk (Tenement No. 70065 - H.A. 151/96).

(3) *Flat* numru 3, Blokk A-2, Triq il-Gżari, Ta' Mliet, Mosta (Tenement No.70772 - H.A. 272/96).

(4) *Flat* numru 15, Blokk B, Sezzjoni Nru. 2, Qasam Ħal Dmikki, Triq il-Bwar, Għaxaq (Tenement No. 69467 - H.A. 17/95).

(5) *Flat* numru 9, Blokk B, Triq l-Arkata, Ċentru Ċiviku, Paola (Tenement No. 72124 - H.A. 729/95).

(6) *Maisonette* bin-numru 38, Triq Joseph Stivala, Paola (Tenement No. 61805 - H.A. 338/96).

(7) *Maisonette* bin-numru 53A, Triq Tal-Borġ, Paola (Tenement No. 61696 - H.A. 229/96).

(8) *Maisonette* bin-numru 59, Triq Tal-Borġ, Paola (Tenement No. 61700 - H.A. 330/96).

(9) *Maisonette* bin-numru 111, Triq Tal-Borġ, Paola (Tenement No. 61772 - H.A. 408/96).

(10) *Flat/Maisonette* bin-numru 3, Blokk A, Triq l-Imdina, Ta' Pascarella, Qormi (Tenement No. 70403 - H.A. 104/97).

(11) *Flat* numru 1, Blokk B, Triq Ġużè Duca, Ta' Pascarella, Qormi (Tenement No. 70393 - H.A. 955/96).

(12) *Flat* numru 3, Blokk XII, Vjal De La Cruz, Ta' l-Istabal, Qormi (Tenement No. 64246 - H.A. 340/96).

(13) Dar bin-numru 20, Triq Karlu Darmanin, Qrendi (Tenement No. 69527 - H.A. 315/96).

(14) *Flat* numru 2, Blokk 3, Bieb A, Triq il-Mimosa, Neighbourhood I, San Ġwann (Tenement No. 68945 - H.A. 48/97).

(15) *Flat* numru 13, Blokk H, Triq Jean Houel, Ta' Giorni, San Ġiljan (Tenement No. 68769 - H.A. 701/95).

(16) *Flat* numru 1, Blokk Q, Triq l-Anżalor, Santa Luċija (Tenement No. 70870 - H.A. 528/96).

(17) *Flat* numru 1, Blokk B2, Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar (Tenement No. 72935 - H.A. 888/96).

(18) *Flat* numru 2, Binja Binarju, Entratura L, Triq Salvu Psaila, Santa Venera (Tenement No. 76474 - H.A. 965/96).

(19) *Flat* numru 3, Blokk D, Door A, Triq Pietro Gagliardi, Tarxien (Tenement No. 71995 - H.A. 260/96).

(20) Dar bin-numru 14, Triq il-Werżieq, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Xgħajra (Tenement No. 70384 - H.A. 171/97).

(21) Dar bin-numru 84, Triq il-Kemmun Ħelu, Ta' Ganza, Żejtun (Tenement No. 68817 - H.A. 926/96).

(22) *Flat* numru 1, Blokk X, Triq il-Ġnien, Ta' l-Istabal, Qormi (Tenement No. 64228 - H.A. 682/95).

(23) *Flat* numru 13, Blokk III, Bieb B, Triq il-Mimosa, Neighbourhood I, San Ġwann (Tenement No. 68956 - H.A. 547/96).

(24) *Flat* numru 1, Blokk B5, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex (Tenement No. 70610 - H.A. 123/97).

(25) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 160.58 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 84, Triq Napuljun Caruana Dingli, Qasam Ta' Pennellu, limiti Mellieħa, li tmiss mill-Grigal ma' Triq Napuljun Caruana Dingli, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Emanuel Fenech, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Carmel Bartolo, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 84, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieħa, u li tinsab delineata bl-aħmar u markara P.84 fuq L.D. 383/91/9. (HAP 481/96).

(26) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' San Ġwann, Neighbourhood II, kif hawn aktar 'il quddiem indikat –

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 134.76 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 35, Triq il-Qronfol, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Albert Agius, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Mary Anne Mifsud et, u mil-Lvant ma' Triq il-Qronfol, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 35, magħruf bħala "Orion", Triq il-Qronfol, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.35 fuq L.D. 128/80/24. (HAP 436/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 134.76 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 36, Triq il-Qronfol, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Anthony Gambin, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Anthony Fsadni, u mil-Lvant ma' Triq il-Qronfol, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 36, Triq il-Qronfol, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.36 fuq L.D. 128/80/24. (HAP 509/96).

(c) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 134.76 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 38, Triq il-Qronfol, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Anthony Grech, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Anthony Gambin, u mix-Xlokk ma' Triq il-Qronfol, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 38, magħruf bħala "L-Għarix", Triq il-Qronfol, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.38 fuq L.D. 128/80/24. (HAP 596/96).

(d) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 134.76 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 39, Triq il-Qronfol, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' John Vella, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Michael Gatt, u mix-Xlokk ma' Triq il-Qronfol, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 39, magħruf bħala "Il-Ġabra", Triq il-Qronfol, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.39 fuq L.D. 128/80/24. (HAP 574/96).

(e) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 137 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 40, Triq il-Qronfol kantuniera ma' Misraħ il-Ward, li tmiss mill-Grigal ma' Misraħ il-Ward, mix-Xlokk ma' Triq il-Qronfol, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Michael Gatt, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 40, magħruf bħala "Johann", Triq il-Qronfol kantuniera ma' Misraħ il-Ward, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.40 fuq L.D. 128/80/24. (HAP 629/96).

(f) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 388.6 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 71, Triq il-Kampanella, oriġinarjament indikata bħala li tagħmel parti minn Neighbourhood I, li tmiss mit-Tramuntana f'parti ma' proprjetà ta' Carmel Galea u fil-parti l-oħra ma' proprjetà ta'Carmel Ellul, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Kampanella, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Charles Briffa, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 71, magħruf bħala "It-Turretta", Triq il-Kampanella, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.71 fuq L.D. 128/80/23. (HAP 448/96).

(g) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 405.86 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 72, Triq il-Kampanella kantuniera ma' Triq il-Ġiżi, oriġinarjament indikata bħala li tagħmel parti minn Neighbourhood I, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Kampanella, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Joseph Boffa, u mill-Punent ma' Triq il-Ġiżi, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 72, magħruf bħala "Navarone", Triq il-Kampanella kantuniera ma' Triq il-Ġiżi, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.72 fuq L.D. 128/80/23. (HAP 501/96).

(h) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 133.4 metru kwadru u sit addizzjonali tal-kejl ta' madwar 25 metru kwadru, magħrufa bħala Plot No. 102 u Sit B rispettivament, Triq il-Qronfol kantuniera ma' Triq il-Lantana, li jmissu min-Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Qronfol, mil-Lvant ma' Triq il-Lantana, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Anthony Vella, li fuqha ilum hemm mibni l-fond numru 102, magħruf bħala "Shalom", Triq il-Qronfol kantuniera ma' Triq il-Lantana, San Ġwann, u li jinsabu delineati bl-aħmar u markati P.102 u "B" fuq L.D. 128/80/26. (HAP 426/96).

(i) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 112.06 metru kwadru u sit addizzjonali tal-kejl ta' madwar 51 metru kwadru, magħrufa bħala Plot No. 127 u Sit C rispettivament, Triq il-Ġiżi, li jmissu mill- Grigal ma' Triq il-Ġiżi, mil-Lbiċ ma' Vjal ir-Riħan, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Louis Cilia, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 127, magħruf bħala "John Mar", Triq il-Ġiżi, San Ġwann, u li jinsabu delineati bl-aħmar u markati P.127 u "C" fuq L.D. 128/80/21. (HAP 12/97).

(j) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 127.47 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 138, Triq is-Sardinell, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Nicholas Farrugia, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Simon Delicata et, u mill-Punent ma' Triq is-Sardinell, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 138, magħruf bħala "Goves", Triq is-Sardinell, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.138 fuq L.D. 128/80/25. (HAP 16/97).

(27) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Pennellu, Mellieħa, kif hawn aktar 'il quddiem indikat –

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 164.66 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 8, Triq Napuljun Caruana Dingli kantuniera ma' Triq id-Dħin, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Emanuel Vella, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq id-Dħin, u mill-Punent ma' Triq Napuljun Caruana Dingli, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 8, Triq Napuljun Caruana Dingli kantuniera ma' Triq id-Dħin, Mellieħa, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.8 fuq L.D. 383/91/5. (HAP 32/97).

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 163.52 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 11, Triq Napuljun Caruana Dingli, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmelo Buttigieg, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Joseph Gauci, u mill-Punent ma' Triq Napuljun Caruana Dingli, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 11, magħruf bħala "Dwejra", Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieħa, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.11 fuq L.D. 383/91/5. (HAP 28/97).

(28) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern fin-Nadur, limiti Nadur, Għawdex kif hawn aktar 'il quddiem indikat –

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 279.28 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 18, Triq Binġemma, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Peter Bartolo, min-Nofs-in-Nhar

ma' proprjetà ta' Benjamin Muscat, u mill-Lvant ma' Triq Binġemma, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 18, Triq Binġemma, Nadur, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.18 fuq L.D. 26/83/4. (HAP 38/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 279.27 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 22, Triq Binġemma, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Ray Camilleri, mil-Lvant ma' Triq Binġemma, u mill-Punent f'parti ma' proprjetà ta' Joseph Camilleri u fil-parti l-oħra ma' proprjetà ta' John Camilleri, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 22, magħruf bħala "Ave Maria", Triq Binġemma, Nadur, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.22 fuq L.D. 26/83/4. (HAP 191/96).

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 276.6 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 29, Triq Għajn Qasab, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmen Muscat, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' John Camilleri u mill-Punent ma' Triq Għajn Qasab, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 29, magħruf bħala "The Camilleris", Triq Għajn Qasab, Nadur, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.29 fuq L.D. 26/83/4. (HAP 236/96).

(d) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 275.10 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 30, Triq Għajn Qasab, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Peter Paul Muscat, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Joseph Camilleri, u mill-Punent ma' Triq Għajn Qasab, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 30, Triq Għajn Qasab, Nadur, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.30 fuq L.D. 26/83/4. (HAP 35/96).

(e) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 318.36 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 42, Triq Għajn Qasab, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Saviour Azzopardi, mil-Lvant f'parti ma' proprjetà ta' Anthony Portelli u fil-parti l-oħra ma' proprjetà ta' Tarcisio Said, u mill-Punent ma' Triq Għajn Qasab, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 42, Triq Għajn Qasab, Nadur, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.42 fuq L.D. 26/83/4. (HAP 522/96).

(f) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 279.28 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 52, Triq Binġemma, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Raymond Galea et, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Carmel Buttigieg u mill-Punent ma' Triq Binġemma, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 52, Triq Binġemma, Nadur, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.52 fuq L.D. 26/83/4. (HAP 687/96).

(g) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 279.27 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 75, Triq ir-Ramla l-Ħamra, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Peter Muscat, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Anthony Muscat, u mill-Lvant ma' Triq ir-Ramla l-Ħamra, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 75, Triq ir-Ramla l-Ħamra, Nadur, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.75 fuq L.D. 26/83/4. (HAP 19/96).

(29) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 195.49 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 22, Triq Forn il-Ġir, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern fi Triq il-Kapuċċini, Rabat (Victoria), Għawdex, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Louis Dimech, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Ġorġ Cauchi, u mill-Punent ma' Triq Forn il-Ġir, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 22, Triq Forn il-Ġir, Rabat (Victoria), Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.22 fuq L.D. 138/91/2. (HAP 380/96).

(30) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 629.16 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 16, Triq Putirjal, li tagħmel parti mill-Bini tal-Gvern fil-limiti tar-Rabat (Victoria), Għawdex, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' ġnien pubbliku, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, u mill-Punent ma' Triq Putirjal, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 16, Triq Putirjal, Rabat (Victoria), Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar fuq L.D. 225/75. (HAP 44/96).

(31) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 126.9 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 18, Trejqet Francesco Chircop, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern fi Triq il-Kapuċċini, Kalkara, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, min-Nofs-in-Nhar ma' Trejqet Francesco Chircop, u mill-Lvant ma' proprjetà ta' Laurence Zahra, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 18, Trejqet Francesco Chircop, Kalkara, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Plot 18 fuq L.D. 38/80/8. (HAP 53/96).

(32) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 103.14 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 15, Triq Għeneb id-Dib, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Santa Luċija, Neighbourhood II, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Oliver Grima, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Francis Vella, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 15, Triq Għeneb id-Dib, Santa Luċija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata Plot 15 fuq L.D. 11/82/65. (HAP 594/96).

(33) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 146.17 metru kwadru u sit addizzjonali tal-kejl ta' madwar 39 metru kwadru magħrufa bħala

Plot No. 28 u Sit B rispettivament, fi Triq il-Ġiebja Rumana kantuniera ma' Triq it-Tursin il-Bir, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Ta' Ganza, limiti Żejtun, li t-tnejn imissu mit-Tramuntana ma' Triq it-Tursin il-Bir, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, u mill-Punent ma' Triq il-Ġiebja Rumana, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 28, Triq il-Ġiebja Rumana kantuniera ma' Triq it-Tursin il-Bir, Żejtun, u li jinsabu delineati bl-aħmar u markati P.28 fuq L.D. 7/80/84. (HAP 670/96).